MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 769/2000/1

**L-Awtorita` tad-Djar**

**Vs**

**Raymond Zarb u Isabelle Zarb kjamata fil-kawza b'digriet datat 4 ta' April 2001**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta` attrici ppremettit illi:

L-konvenuti kienu applikaw appikaw ghall u ottjenew plot taht skema Numru Tlieta (Dokument A) skond il-

kundizzjonijiet indikati fil-Kuntratt datat 28 ta’ Dicembru 1982 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin (Dokument “B”).

Peress illi l-konvenuti ffirmaw Skrittura biex jaqilbu ghall-kundizzjonijiet tad-Disa` Harga liema kundizzjonijiet huma indikati fid-Dokument “C”.

Peress illi ma’ l-iffirmar ta’ din l-iskrittura hawn anness bhala Dokument “D” il-konvenuti bdew jibbenefikaw mill-kundizzjonijiet tad-Disa` Harga.

Peress illi l-konvenuti minkejja li kienu mitluba jersqu ghall-att finali (Dokument “E”) sabiex mit-Tilet HArga jaqilbu ghad-Disa` Harga u jassumu d-drittijiet u l-obbligi naxxenti minnha, huma baqghu inadempjenti.

Peress illi b’hekk huma qatt m’ghamlu kuntratt finali sabiex jaqilbu ghal din id-Disa` Harga u minkejja lib dew jibbenefikaw mid-drittijiet hem moghtija, qatt ma assumew l-obbligi taghhom kif johorgu mill-istess Disa` Harga.

Peress illi ghalhekk il-konvenuti gew arrikkew ruhhom indebitament fl-ammont ta’ Lm1,835 sal-lum li jirrapprezentaw sussidju fuq imghax li kellhom ihallsu wara dejn mehud mill-Bank kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni.

Jghidu il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti:-

1. ma ghandiex tiddikjara li l-konvenuti arrikkew ruhhom indebitamnet fl-ammont ta’ Lm1,835 sal-lum ghad-detriment ta’ l-Awtorita` tad-Djar;
2. Tornalhom u tikkundanhom jhallsu lill-istess Awtorita` tad-Djar l-ammont ta’ Lm1,835;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 5 ta’ Novembru 1999 u bl-interessi mid-data ta’ l-ittra ufficjali.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Awtorita` attrici a fol. 3 tal-process;

Rat li l-konvenut u l-imsejha fil-kawza ma pprezentaw ebda eccezzjoni;

Rat in-nota tal-konvenut Zarb a fol 68 li permezz taghha esebixxa kopja tal-kuntratt datat 21 ta' Novembru 2003 fl-atti tan-Nutar Dr. F. Micallef bejn l-Awtorita' tad-Djar u Raymond Zarb pro et noe;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi minn dana l-kuntratt jirrizulta li l-konvenuti ottemperraw ruhhom mat-talbiet attrici bil-kuntratt imsemmi wara li giet prezentata l-kawza.

Illi l-kawza giet prezentata fl-24 ta' April, 2000 u l-kuntratt sar biss fil-21 ta' Novembru, 2003 wara l-prezentata tal-kawza, ghalhekk ghandhom jehlu l-ispejjez tal-kawza.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tabiet attrici
Bl-ispejjez kontra l-konvenut u l-imsejha fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------